MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Numru. 959/2010

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Ludwig Bugeja, 34 sena, bin Angelo u Yvonne nee' Camilleri, imwieled Pieta' fil-5 ta' Frar 1976, residenti 21, Triq Joseph Stivala, Paola u detentur tal-karta ta' l-identita' 113276(M).

U

Joseph D'Amato, 34 sena, bin Annunziato u Grace nee' Failla, imwieled Pieta' fil-7 ta' Ottubru 1976, residenti Blk D Flt 12, Triq il-Ward, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' 542976(M).

Gew akkuzati talli gewwa Bulebel matul ix-xhar ta' Frar 2010, b'diversi atti li ma gewx maghmulha b'rizoluzzjoni wahda izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, ikkommettew serq ta' diversi oggetti liema serq jeccedi il-Euro 232.93 izda ma jeccedix l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (2390.24) u ghalhekk

ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' General Gas Ltd.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqghu ghandhom, jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwestati b'reat jew b'kul mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom

Finalment gew akkuzati Ludwig Bugeja u Joseph D'Amato talli huma saru recidivi ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
Gie akkuzat ukoll Ludwig Bugeja wahdu talli huwa kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija nhar it-2 ta' April 2009 fejn huwa kien gie misjub hati ta' reat u lliberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AM5 u nnutat li l-imputati Ludwig Bugeja u Joseph D'Amato m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Tirrileva li fl-ezami taghhom l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv it-tieni akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv it-tieni akkuza migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputati li tirrigwarda ricettazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva

ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputati.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Owen Bonnici ghall-imputat Joseph D'Amato u l-Ufficjal Prosekutur iddikjaraw li jaqblu li l-imputat Joseph D'Amato jidher li qabad it-triq it-tajba u m'ghadux jabbuza mid-droga u konsegwentement umilment issugerixxu li l-Qorti tikkunsidra l-possibilta' li l-istess imputat Joseph D'Amato jitpogga taht Ordni ta' Probation.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Ludwig Bugeja l-artikoli 261(b), (c), (e) u (f), 263, 267, 269, 270, 278(3), 279, 280(2), 281(b), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 u l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Ludwig Bugeja, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-fatt li l-imsemmi imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u minn naha l-ohra l-fedina penali xejn felici tal-imsemmi imputat, tikkundanna lill-imputat Ludwig Bugeja ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija.

Rat fil-konfront tal-imputat Joseph D'Amato l-artikoli 261(b), (c), (e) u (f), 263, 267, 269, 270, 278(3), 279, 280(2), 281(b), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph D'Amato, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi li l-imsemmi imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Owen Bonnici ghall-imputat Joseph d'Amato u l-Ufficjal Prosekutur iddikjaraw li jaqblu lil l-imputat Joseph D'Amato jidher li qabad it-triq it-tajba u m'ghadux jabbuza mid-droga u

konsegwentement umilment issuggerixxu li l-Qorti tikkunsidra l-possibilta' li l-istess imputat Joseph D'Amato jitpogga taht Ordni ta' Probation, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Joseph D'Amato taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex ikun assistit jibqa' barra mill-abbuz tad-droga.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputati li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputati.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna il-konfiska tal-vettura Daihatsu bajda Reg. Nru. DAV 228 esebita formalment bhala Dok ZAM1.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order rigward l-imputat Joseph D'Amato jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Joseph D'Amato.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Joseph D'Amato kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Joseph D'Amato l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------